

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Flus/Talbiet Monetarji](#) > [Talbiet Żgħar](#) > [Belgium](#)

Talbiet żgħar



Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

Ma hemm l-ebda proċedura speċifika għal talbiet żgħar fil-leġiżlazzjoni Belġjana, għalkemm huma disponibbli proċedimenti sommarji għall-ordni ta' ħlas (*procédure sommaire d'injonction de payer/summiere rechtspleging om betaling te bevelen*): ara l-fajl apparti.

Ma hemm l-ebda proċedura speċifika għal talbiet żgħar. Tintuża l-proċedura leġiżlattiva ordinarja li hija sempliċi ħafna.

Fil-qosor, il-proċedura ordinarja ssir kif ġej:

- taħrika (*citation/dagvaardiging*) permezz ta' avviż mingħand il-bailiff (*exploit d'huissier/deurwaardersexploot*)
- skambju ta' argumenti bil-miktub, jiġu ddikjarati s-sejbiet (*conclusions/conclusies*)
- data tas-smiġħ (l-avukati jippreżentaw l-argumenti tagħhom) (*plaidoirie/pleidooi*) u konklużjoni tad-dibattiti
- sentenza.

Fil-prinċipju, ma hemm l-ebda simplifikazzjoni, iżda ċertu talbiet ma jitressqux permezz ta' taħrika tat-tip imsemmi hawn fuq iżda permezz ta' rikors ġuramentat ippreżentat lill-qorti (*requête contradictoire/verzoekschrift op tegenspraak*) (Artikoli 1034bis sa 1034sexies tal-Kodiċi Ġudizzjarju (*Code judiciaire/Gerechtig Wetboek*)). Dan ir-rikors jiġi ppreżentat pereżempju f'każ ta' tilwim bejn is-sid u l-kerrej. It-Taqsima 1344bis tal-Kodiċi Ġudizzjarju jistipula li, dejjem soġġetta għad-dispożizzjonijiet tal-lokazzjoni ta' art rurali, kwalunkwe talba li tirrigwarda l-kirja ta' proprjetà tista' titressaq permezz ta' rikors ippreżentat fir-reġistru (*greffe/griffie*) tal-kummissarju tal-ġustizzja (*justice de paix/vrederegerecht*).

1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

1.3 Formoli

1.4 Assistenza

1.5 Regoli dwar is-smiġħ tal-provi

1.6 Proċedura bil-miktub

1.7 Il-kontenut tas-sentenza

1.8 Rimbors tal-ispejjeż

1.9 Il-possibilità ta' appell

Hoqgiet

Il-leġiżlazzjoni relatata mal-proċedimenti sommarji għall-ordni ta' ħlas: Websajt [Servizz Pubbliku Federali tal-Ġustizzja](#):

- Agħfas fuq "Leġiżlazzjoni kkonsolidata" taħt l-intestatura "Sorsi tal-liġi
- Agħżel il-"Kodiċi Ġudizzjarju" taħt l-intestatura "Natura legali"
- Daħħal iċ-ċifri "664" taħt l-intestatura "kliem"
- Agħfas fuq "Fittex" u mbagħad fuq "Lista".
- Agħfas fuq "Dettalji".

■ L-aħħar aġġornament: 03/09/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.